**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**SEDE CIVILI**

**ONOR. MAGISTRAT DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 7 TA' DICEMBRU 2001**

Avviz nru: 715/01

Atlas Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta estera AXA Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Intercomp Marketing Limited abbazi tal-polza tal-assigurazzjoni tal-ligi

Vs

Sullivan & Sullivan Limited bhala agenti u rappresentanti tal-bastiment ZIM Britain

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema il-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghal hlas tas-somma komplessiva ta' elfejn, mitejn u sitta u sebghin liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmi (Lm2,276.28c) jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn dina l-Qorti jekk hemm bzonn bl-opra ta' periti nominandi,

rappresentanti nuqqasijiet fil-merkanzija appartenenti lil assigurata taghhom u spejjez tas-survey relattiv, waqt illi dawn kienu fil-kura w il-kustodja tal-konvenuti, liema merkanzija waslet Malta fuq il-bastiment ZIM Britain fis-6 t'Awissu 2000, liema danni diga thallsu mis-socjeta` attrici.

Bl-imghax legali m'illum u bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma deherux biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma deheru fis-seduta tal-llum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u il-Qorti qieghda tilqa` it-talba attrici u tikkundanna lil konvenuti fil-kwalita premessa taghhom sabiex ihallsu lil atturi is-somma mitluba ta' elfejn, mitejn u sitta u sebghin liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmi (Lm 2,276.28) f'liema somma din il-Qorti qieghda tillikwida id-danni sofferti mill-atturi stante ir-ragunijiet u ghan-nuqqasijiet l'ohra indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mis-6 t'Awissu tas-sena 2001; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Mag. Dr. D. Montebello B.A., LL.D.

S. Farrugia Dep/Reg